Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 28 t' Ottubru 2018

It-XXX Ħadd Matul is-Sena

Sena B

Introduzzjoni

Inġbarna llum biex niċċelebraw l-Ewkaristija, f'dan it-30 Ħadd ta' matul is-sena. Illum il-Kniesja qiegħda tistedinna b'mod speċjali niftakru fl-għeġubijiet li Alla għamel mal-poplu tiegħu. Għalhekk inqumu bilwieqfa ħalli nibdew il-quddies u nroddu ħajr lil Alla ta' tant grazzji li għamel magħna.

Qari

Fl-ewwel qari naraw kif Alla bħala missier tal-poplu jmexxi lil poplu dgħajjef tiegħu u jwasslu f'art mimlija barka. Fis-salm responsorjali naraw lil-poplu t'Alla jgħanni għana ta radd il-ħajr lil Alla tiegħu. Fit-tieni qari naraw kif il-qassis jqarribna m'Alla.

Offertorju

Flimkien mal-offerti tal-ħobż u l-inbid ejjew noffru din ħajjitna biex Alla jwettqilna grazzja oħra, ikbar min kull grazzja oħra, li nirċievu lil Kristu ġo fina.